KUNSILL LOKALI SANTA VENERA
Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

**28TTT/17**

**Minuti tat-tkomplija tat-tkomplija tat-tkomplija tat-tmienja w ghoxrin laqgha tas-sbattax il-sena tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li saret nhar it-Tlieta 24 ta' Mejju, 2011 fil-bini amministrattiv tal-Kunsill, Kumpless Umberto Calosso, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera.**

**Prezenti:**

Sur Horace J. Anastasi – Sindku
Sur Carmel Camilleri – Kunsillier
Sur Stephen Sultana – Kunsillier
Sur Edwin Formosa – Kunsillier
Sur Cleaven Christian Bugeja - Kunsillier

Joseph M. Formosa – Agent Segretarju Ezekuttiv

**Skuzati:**

Sur Ronald Brifa - Vici Sindku
Sinjura. Mariella Micallef – Kunsilliera

**Agenda**

1.0. Talba

Il-laqgha bdiet fil- 5.45 pm wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri prezenti .

Qari u approvazzjoni tal-minuti (Minuti tat-18 il-Laqgha li saret fil-15 ta' Dicembru, 2010, Minuti tat-tkomplija tat-18 il-laqgha li saret fis-6 ta' Jannar, 2011, Minuti tat-

tkomplija tat-tkomplija tat-18 il-laqgha li saret fis-17 ta'Jannar, 2011 u Minuti tat-tkomplija tat-tkomplija tat-tkomplija li saret fit-21 ta'Frar, 2011). Dawn il-minuti ittiehdu bhala moqrija. Saret il-korrezjoni tal-minuti tal-laqgha li saret fil-15 ta' Dicembru, 2010.

Affarijiet li tqajmu mill-minuti (Minuti tat-18 il-Laqgha li saret fil-15 ta' Dicembru 2010, Minuti tat-tkomplija tat-18 il-laqgha li saret fis-6 ta' Jannar, 2011, Minuti tat-tkomplija tat-tkomplija tat-18 il-Laqgha li saret fis-17 ta' Jannar, 2011 u Minuti tat-tkomplija tat-tkomplija tat-tkomplija li saret fil-21 ta' Frar, 2011). Il-laqgha diga bdiet tiddiskuti l-affarijiet li tqajmu mill-minuti tal-laqgha li saret fil-15 ta'Dicembru, 2010.

Kommunikazzjonijiet mis-Sindku

Kunsill Lokali Zaghzagh – Din it-tema diga giet kunsidrata u ezawrita wara sospensjoni ta' l-agenda.

Aggornament

2.0 Sospenzjoni ta' l-agenda. ( Il-Kunsill qabel li tigi sospiza l-agenda sabiex is-Sindku jaghmel il-kommunikazzjonijiet tieghu lil Kunsill.

3.0 Kommunikazzjoni mis-Sindku (Tema 4 fuq l-agenda kif cirkulata)

4.01 Zvilupp ta CARGA HOUSE mill-MITA fi Triq il-Ferrovija Santa Venera
Is-Sindku qal li l-MITA diga halsu lill Kunsill ta' Santa Venera is somma ta' €23500 euro u li €23500 euro huma mistennija li jithalsu mill-MITA lil Kunsill fl-ewwel tlett xhur tas-sena 2012.
Is-Sindku qal li hemm ukoll is-somma ta €43000 euro li l-MITA thallas lill MEPA sabiex jidhlu fil-fond tal-Urban Improvement Fund (UIF) sabiex meta l-Kunsill japplika ghalihom sabiex jaghmel xoghol ta' tisbih gewwa Santa Venera fil parti urbana.

Is-Sindku qal li xoghol miexi b'ghagla peress li l-MITA tixtieq tibda tuza din il-binja bejn Lulju u Awissu, 2011.
Is-Sindku qal li l-MITA ghandha l-permessi kollha mehtiega u jidher li l-kuntratturi fuq il-post qed jahdmu sewwa u bi ftit inkonvenjent ghar-residenti li joqghodu fl-inhawi ta'din il-binja.

Il-Kunsillier Sur Stephen Sultana qal li l-scaffolding li qed juzaw il-kuntratturi meta qed jahdmu fuq il-faccata ta' Carga House mhux qed ikun miksi.
Is-Sur Stephen Sultana qal li kien ikun aktar ghaqli li l-ftehim li sar mal-MITA dwar il-fondi li l-MITA weghdet li thallas lill Kunsill sar quddiem Nutar Pubbliku ghaliex dan il-ftehim kien ikun facli li jigi nfurzat jekk u meta l-MITA ma tonorax l-obligi taghha lejn il-Kunsill.

Is-Sindku wiegeb li dan ma kienx sejjer ikun il-kaz ghaliex meta l-MITA kienet qablet li taghmel il-pagament f'erba, issa fil-fatt sejra taghmel il-pagament f'zewg partijiet u fil-fatt l-ewwel pagament diga kien jinsab ghand il-kunsill. Minbarra dan kollu ghandna korrispondenza ta konferma li l-Perit tal-Kunsill xhud ewlieni.

4.02. Progett ta' toroq fi Triq il-Palazz l-Ahmar Santa Venera

Is-Sindku qal li dan il-progett qed issir mit-Transport Malta (TM). Waqt dan ix-xoghol qamet il-problema dwar ringila ta' sigar li jinsabu imhawla fuq il-bankina fuq in-naha tal-hajt ta' St.Michael's School, liema sigar huma s-sugett ta' kontraversja bejn il-kullegg ta' St. Michael u xi residenti ta' Triq il-Palazz l-Ahmar.

Is-Sindku qal li l-bankina qeghda ghan-nies u mhux ghas-sigar ghalkemm wiehed ukoll jista jargumenta li s-sigar isebhu, joholqu d-dell fis-sajf u jaghtu arja ahjar. Is-Sindku qal li ghalkemm il-Kunsill jaghti l-opinjoni tieghu, huma l-esperti li jistghu - jaghtu parir dwar is-sigar u jekk dawn is-sigar mhumiex protetti jew le.

Is-Sindku qal li jekk is-sigar li hemm fil-present qed jaghmlu l-hsara dawn jistghu jinbidlu ma sigar izghar u ahjar.

Is-Sindku qal li jekk il-bankina tista titwessa u ma jintilifx l-ispazju ghall-ipparkjar dan ikun ahjar ghaliex siggu tar-roti u pushchair ikunu jistghu jghaddu bla t'fixkill u b'hekk tinholoq aktar sigurta ghan-nies li jghaddu minn din it-triq li f'xi waqtiet jghaddu minnha hafna traffiku.

4.03 Affarijiet li jikkalmaw it-traffic landscapes, soft areas fl-inhawi ta triq il-Palazz l-Ahmar.

Is-Sindku qal li jkun ferm sewwa li jkun hemm din il hidma u twettiq ta' progett ghaliex dan johloq ambjent ahjar u jkun hemm aktar sigurta kemm ghall-istudenti kif ukoll ghar-residenti ta'dan l-inhawi.

Triq il-Batterija, Santa Venera issir one way.

Is-Sindku qal li qed jirrakkomanda li l-Kunsill jitlob lit-TM sabiex it-traffiku ta Triq il-Batterija ikun jidhol biss mit-tarf ta' Triq il-Palazz l-Ahmar.

Il-Kunsill qabel illi jekk titwessa l-bankina fuq in-naha ta' l-iskola St. Michael ghandu ukoll jigi assigurat li f'din it-Triq il-Palazz l-Ahamar ma jintilfux posti tal-parking.

Is-Sur Stephen Sultana qal li ghalkemm huwa ukoll jaqbel li f'Triq il-Palazz l-Ahmar ma ghandhomx jitilfu posti tal-parking, il-kuntrattur ikun qed jesegwixxi l-pjanti moghtija lilu mit TM dwar il-harsin sabiex ma jintilfux dawn il-posti tal-parking il-Kunsill ghandu jinsisti mat-TM sabiex jassigura li t-TM tordna lil kuntrattur jahdem b'mod li johloq parking sewwa kif mehtieg.

Il-Kunsill qabel ukoll illi l-mera fit-tarf ta' Triq il-Batterija ma Triq il-Palazz l-Ahmar ghandha terga ssir mill-aktar fis possibli.

4.04. Mera fi Triq Qormi, Santa Venera.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien diga talab sabiex din il-mera tithallas mill-Kumitat tal-Festi Esterni. Huwa qal li sar jaf illi kien hemm qbil ma l-eks Sindku li din il-mera ma tithallasx.
Is-Sindku qal li din il-mera ghandha ssir bi spejjes tal-Kunsill u jekk forsi ghad hemm xi possibilita li tithallas mill assigurazjoni li seta ghandu l-Kumitat tal-Festi Esterni dan ghandu jaghmel talba lill kumpanija ta' l-assigurazjoni sabiex il-fondi tar-rikavat jinghataw lill-Kunsill.

Tender ta' l-iskart imhallat (domestiku)

4.05 Is-Sindku qal li l-Kunsill qieghed fi stadju li johrog sejha ghall offerti dwar skart imhallat (domestiku) li jinkludi ukoll Bins on wheels ta' dan l-iskart li jitbatlu mill-istess kuntrattur.

Saret diskusjoni dwar is-sistema tal-gbir prezenti u dwar il-fatt li l-Kunsill jista' qieghed ihallas prezz aktar gholi peress li l-kuntrattur qed jarmi dan l-iskart matul il-lejl.

Is-Sindku qal li huwa josserva li f'kull triq gewwa Santa Venera jara borza tas-zibel li johorgu minn kmieni filghodu u jingabru fil-ghaxija. Dan qed igib hmieg zejjed perss li kemm il-klieb kif ukoll il-qtates li jkunu jigru fit-torq iqattghu dawn il-boroz u jxerdu l-iskart li jkun fihom.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jikseb taghrif dwar kemm ihallas il-kuntrattur meta jidhol jarmi fil-Landfill kemm tal-Maghtab kif ukoll ta' Sant Antnin, wara s-7.00pm.

Il-kunsill huwa tal-fehma li jkun ghaqli li l-gbir ta' dan l-iskart jibda jsir fil-ghodu ghal wara t-8.00 am u li dan is-suggett, inkluz il-kontenut tad-dokumenti dwar it-tender ikompli jigi diskuss fil-laqgha li jmiss tal-Kunsill.

F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li jerga jibda jimxi skond l-agenda kif kienet giet cirkulata ghand il-Kunsillieri kollha.

4.0 Minuti - affarijiet li tqajmu mill-minuti tal-laqgha, li saret fil 15 ta' Dicembru, 2010.
(Tema 3 fuq l-Agenda kif cirkulata)
Dawn jinsabu ezawriti u l-minuti ta' din il-laqgha diga gew approvati.
Minuti tat-tkomplija tat-18 il-Laqgha li saret fis 6 Ta' Jannar 2011.
(Tema 3 fuq l-Agenda kif cirkulata)
Dawn jinsabu ezawriti u l-minuti ta' din il-laqgha diga gew apporvati.
Minuti tat-tkomplija tat 18 il-Laqgha li saret fis 6 ta' Jannar 2011.

(Tema 2 fuq l-Agenda kif cirkulata)
Ma kienx hemm korezjonijiet u ghalekk dawn il-minuti tas-6 ta'Jannar 2011 gew approvati kif prezentati nem con.

5.0 Affarijiet li tqajmu mill minuti tal-laqgha li saret fis-6 ta' Jannar,2011
(Tema 3 fuq l-Agenda kif cirkulata)

5.301 Tema 3.1 Progett flimkien ma l-awtorita tad-Djar.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ta' Santa Venera kien wiehed minn dawk il-Kunsilli li kellhom il-progetti taghhom maghzula izda dan il-progett gie maghzul li jitwettaq u li jigi finanzjat ghas-somma ta 75000 euro fis sena 2013

5.302 Tema 3.2 Art fi Triq il-Kappillan Mifsud li tinsab mitluqa u li qed tkerrah l-ambjent.

Il-Kunsill talab sabiex din l-art tigi devoluta lill Kunsill u qed fl-stadju li taghmel l-applikazjoni kif tkun mehtiega mad-Dipartiment tal-Gvern lokali u mad-Dipartiment ta' l-Artijiet.

Is-Sur Stephen Sultana irrimarka li plot iehor fil-vicin li qieghed fi Triq il-Kappillan Mifsud ma Triq Misraqh il-Barrieri ghandu cint li tmermer. Dan huwa ta' perikolu specjalment li fil-vicin hemm bus shelter.

IL-Kunsill qabel li jikteb lill 'Joint office' f' hdan id-Dipartiment ta' l-Artijiet sabiex jaghmel dan ic-cint kif mehtieg u jevita l-perikolu.

5.303
Tema 3.3 Il-Kunsill inghata ultimatum sabiex ihallas is-somma ta €6891.05 pagament a saldu

Is-Sindku qal li dan il-pagament thallas skond id-direzzjoni tal-avukat tal-Kunsill Dr R. Sladden u dan kif kien talab l-istess Kunsill fejn kien diga ddecieda li nhallsu l-kitba kif kienet diga miktuba ghaliex ma hemm xejn li jzomm lill-Kunsill responsabbli dwar il-manutenzjoni tal-madum.

5.304 Dwar il-qaghda tal-flaps li kienu tpoggew taht l-arkati bhala gwida ghal karozzi, s-Sindku spjega li kien hemm incident fejn mara waqghet u dan l-incident qajjem furur kbir u ghalhekk fejn kien ghad fadal minn dawn il-flaps (ghaliex bosta minnhom kienu diga inqalghu) tnehhew.

Saret diskusjoni dwar il-htiega li jitwahlu tabelli xierqa flok il-flpas li jigu sa hdejn il-faxxa li tindika li din il-parti tkun sabiex jimxu fuqa l-pedestrians u li l-karozzi ma jkunux jistghu jipparkjaw fuqha.

5.305

Tema 3.5 Tkissir ta' fanal quddiem il-Knisja l-Gdida tal-Parrocca ta' Santa Venera

Is-Sindku qal li l-Kunsill gab quotations li juru li fanal li jkun jixraq li jitwahhal f'dawn l-inhawi ikun jiswa madwar €815.

Il-Kunsill qabel illi l-ewwel jircievi l-ammont ta' €815 minghand Greenlines u wara l-Kunsill ihallas ghas-servizz tal-mobile toilets peress li kienu l-istess furnituri tal-mobile toilets li kissru l-fanal ta quddiem il-Knisja.

5.306
Tema 3.6 Post addattat u accessibli ghall bini amministrattiv tal-Kunsill

Il-Kunsill qabel li jghamel applikazzjoni ghad devoluzjoni tal-binja li tmiss ma Casa Leoni fi Triq il-Kbira San Guzepp u li fil-prezent din qed tintuza mill-Agenzija Zaghzagh li faccilment tista tigi postata f'post iehor anke forsi tinbidel mal-bini li qed prezentament jigi okkupat mill-Kunsill.

5.307
Tema 3.7 Day Centre

Is-Sindku qal li dan il-bini ghandu jintuza aktar ghall-attivitajiet tal-Kunsill.

Is-Sur Carmel Camilleri staqsa jekk hemmx xi projbizjoni jew procedura stabbilita ufficjalment sabiex Kunsillier jidhol ikellem persuna jew persuni f'dan ic-Centru. Wara lis-Sindku spjega li hija prassi li jidhlu fid-Day Centre il-Kunsillieri li ghandhom dak id-dekasteru u s-Sindku, l-Kunsill qabel li l-Agent Segretarju Ezekuttiv jikteb lil Ms B. Psaila Kap tac-Centri ta' Matul il-Jum fi hdan id-Dipartiment ghall-Anzjani u Kura fil-Kommunita, Centru Hidma Socjali, 469, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera sabiex tinkiseb il-kjarifika u risposta kif mitluba mill-Kunsillier Sur Carmel Camilleri.

Il-Kunsill qabel li din ir-risposta tigi kommunikata lill-Kunsill u lis-Sur Carmel Camilleri personalment.

5.308
Tema 3.8 Replika ta' Bieb ta Wignacourt, Santa Venera

Is-Sindku qal li l-kuntatti dwar dan il-progett, specjalment dwar il-weghda tal-Bank of Valletta li jhallas €116,500 (Lm50,000) ghadhom ghaddejin.

Is-Sindku qal li l-Kunsill sar jaf li kien hemm Kumitat Kongunt bejn il-Kunsill ta Santa Venera, L-amministrazjoni tal-Hamlet Fleur De Lys u l-Kunsill ta Birkirkara u gieghel lill-Agent Segretarju biex jikseb il-minuti tal-laqghat ta' dan il-Kumitat Kongunt kif ukoll kull dokument iehor rigward dan il-progett qabel mal-Kunsill ikompli.

Is-Sur Stephen Sultana irrimarka li dan il-progett huwa kompletament tal-Kunsill ta' Santa Venera u li dawn id-dokumenti u minuti ghandhom jintalbu minghand ic-Chairman tal-Hamlet ta Fleur De Lys li huwa ukoll Vici Sindku tal-Kunsill ta' Santa Venera.

Is-Sur Stephen Sultana qal li huwa ma jitrrekkonoxxix lil dan hekk imsejjah Kumitat Kongunt ghaliex dan il-Kumitat qatt ma jista jezercita xi decizjoni fuq art li tinsab kompletament fil-konfini ta' Santa Venera. Is-Sindku esiga li l-ewwel irid ikollna l-ktibiet kollha relevanti qabel ma jiddecidi.

5.309
Tema 3.10 Ittra mit TM datata 24 ta Novembru, 2010 dwar htigijiet ta' toroq li jaqghu fil-kompetenza tal-Kunsill ta Santa Venera.

Il-Kunsill qabel li jikteb u jitlob lit-TM sabiex isiru sinjali dwar traffic management f'toroq godda fosthom fi Triq Carni, Patri Frangisk Grech u (xi toroq ohra godda) ghaliex dawn is-sinjali juma mehtiega sabiex it-traffiku u l-parkegg ikun aktar ordinat.

5.310
Tema 3.11 Konsum gholi ta' l-ilma fil-Latrina Pubblika li tinsab fi Trqi il-Kbira San Guzepp, Santa Venera

Is-Sindku fakkar dwar li l-WSC sabet li mill-arlogg il-barra kien hemm kollox tajjeb u li dak li gara kien fuq in-naha ta' gewwa. Fakkar ukoll li l-ballun tat-tank ta' l-ilma fuq il-latrina kien instab mgherreq permezz ta' bicca pajp u li b'hekk l-ilma baqa hiereg bla waqfien.

Is-Sindku qal li minbarra li l-latrina ma kenitx tinzamm "up to standard" instabu siringi u sehh vandalizmu gewwa l-latrina ghalkemm din kienet ukoll sorveljata u titnaddaf mill Klabb tal-Bicci Santa Venera u li ghal dan is-servizz l-Kunsill ta Santa Venera kien qed ihallas lill-Klabb tal-Bocci. Xi hadd kien ukoll jiftah il-flushing tal-pixxatur sabiex jaghti impressjoni li l-hela ta' l-ilma gew mill-pixxatur.

Is-Sindku qal li dan il-kaz qieghed ghand l-avukat tal-Kunsill Dr R. Sladden sabiex jaghti pariri legali u jipprocedi skond l-interessi tal-Kunsill minn kull angolu.

Is-Sindku qal ukoll illi huwa infurmat mill Spettur Kevin Farrugia li sejrin jittiehdu stqarrijiet minghand persuni sabiex il-pulizija tkun tista tmexxi bil-kaz kif ikun mehtieg.

6.501
Tema 5 fuq l-Agenda tal-Laqgha tal-24.5.2011 Kunsill Lokali Zaghzagh

Il-Kunsill qabel li jitlob lill Youth Leader sabiex jipprovdi lill Kunsill b'lista tal-membri ta dan il-Kunsill Lokali Zaghzagh kif ukoll li kull membru jnizzel l-e- mail address tieghu fuq din il-lista.

Din l-informazjoni ghandha tkun disponibli fir-records tal-Kunsill.

Minuti tat-tkomplija tat-tkomplija tat 18 il-Laqgha li saret fis-17 ta Jannar 2011

7 Korrezjonijiet tal-minuti tal-laqgha li saret fis-17 ta Jannar 2011

7.201
Tema 5.0 Rizultat tal-interviews dwar l-imjieg ta skrivan/a li saru fid 29 ta Novembru, 2010 u l-impjieg ta' skrivan/a b'sehh mis-6 ta Dicembru, 2010 fi skala 15 mal-Kusnill Lokali Santa Venera

Paragrafu 9 fuq pagna 7 tal-minuti tal-laqgha li saret fis-17 ta Jannar 2011

Dan il-paragrafu jghid hekk:
"Il-Kunsill approva u ikkonferma l-impjieg tas-Sur Carmel Busuttil (ID No 678756(M)) b'sehh mis-6 ta' Dicembru, 2010 fi skala 15 u li jinghata salarju skond din l-iskala"

Is-Sur Stephen Sultana qal li dan il-paragrafu ghandu jithassar kompletament min dawn il-minuti.

Saret diskusjoni dwar il-htiega li l-Kunsill ikollu zewg skrivani sabiex jahdmu fl-amministrazzjoni u l-operat tal-Kunsill u l-urgenza dwar l-impjieg ta dan l-skrivan meta l-iskrivana l-ohra kienet diga telqet mill Kunsill sa minn Settembru, 2010.

Is-Sur Stephen Sultana insista li dan il-paragrafu jitnehha kompletament ghaliex fil-fehma tieghu l-Kunsill ma kienx specifikament approva l-impjieg.

Is-Sindku qal illi qabel l-Kunsill jikkonsidra li jnehhi dan il paragrafu hemm bzonn li jinstema r-recording ta' din il-laqgha sabiex b'hekk jigi stabbilit jekk din il-korezjoni mitluba tkunx hekk mehtiega jew inkella frivola. Is-Sur Stephen Sultana irrimarka li mhux l-ewwel darba li l-laqghat tal-Kunsill ma jkunux rekordjati

Filwaqt li s-Sindku baqa jesigi li ghandu jinstema r-recording qabel tkun tista tittiehed decizjoni. L-Kunsillier Sur Stephen Sultana baqa jinsisti li dan il-paragrafu ghandu jitnehha kompletament.

Il-laqgha ghalqet fiq 8.45pm peress li kien ghadda l-hin.

Horace J. Anastasi
Sindku

Joseph M. Formosa
Agent Segretarju Ezekuttiv